



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

9 ta' Novembru 2017*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni – Regolament (KE) Nru 73/2009 – Skema ta' pagament uniku – Persuna li trabbi l-għoġġiela li kkonkludiet kuntratt ta' integrazzjoni – Klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-pagament uniku huwa dovut lill-impriża ta' integrazzjoni – Ammissibbiltà”

Fil-Kawża C-227/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Gerechthof Arnhem-Leeuwarden (qorti tal-appell ta' Arnhem-Leuvarde, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' April 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' April 2016, fil-proċedura

Jan Theodorus Arts

vs

Veevoederbedrijf Alpuro BV,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn A. Borg Barthet (Relatur), li qed jaġixxi bħala President tal-Awla, M. Berger u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal Veevoederbedrijf Alpuro BV, minn J. Geerts, avukat,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouquet u I. Galindo Martín, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU 2009, L 30, p. 16).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Jan Theodorus Arts u Veevoederbedrijf Alpuro BV (iktar 'il quddiem "Alpuro") dwar il-validità ta' klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-appoġġ li għalih huwa għandu dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku huwa dovut lil Alpuro.

Il-kuntest ġuridiku

- 3 Il-premessi 25 u 27 tar-Regolament Nru 73/2009 huma fformulati kif ġej:

“(25) L-iskemi ta' appoġġ taħt il-[politika agrikola komuni (PAK)] jipprovdu għal appoġġ permezz ta' dħul dirett b'mod partikolari bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola. Dak l-oġettiv huwa relatat mill-qrib mal-manteniment taż-żoni rurali. Biex tkun evitata kwalunkwe allokkazzjoni ħażina tal-fondi tal-Komunità, l-ebda pagamenti ta' appoġġ m'għandhom isiru lill-bdiewa li artifiċjalment ħolqu l-kondizzjonijiet mitluba biex jinkisbu tali pagamenti.

[...]

(27) Ir-Regolament [tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269)] stabbilixxa skema ta' pagament uniku li għaqqdet id-diversi mekkaniżmi ta' appoġġ eżistenti fi skema unika ta' pagamenti diretti diżakkoppjati. [...]

- 4 L-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 73/2003 jipprevedi li dan ir-regolament jistabbilixxi “skema ta' appoġġ ta' dħul għall-bdiewa (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-iskema ta' pagament uniku)”.
5 Skont l-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament:

“Bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jissodisfa l-ħtiġiet ta' ġestjoni statutorji mniżżla fl-Anness II u l-kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba msemmija fl-Artikolu 6.

[...]”

- 6 L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Nru 73/2009 jipprevedi li:

“Il-kondizzjonijiet amministrattivi statutorji elenkati fl-Anness II għandhom ikunu stabbiliti mil-leġislazzjoni Komunitarja fl-oqsma li ġejjin:

- (a) saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u l-pjanti,
- (b) ambjent,

(c) benessri tal-animali.”

7 L-Artikolu 6(1) ta’ dan ir-regolament jistabbilixxi li:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-art agrikola kollha, speċjalment art li m’għadhiex tintuża għal finijiet ta’ produzzjoni, tinżamm f’kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. [...]”

8 L-Artikolu 33(1)(a) tal-imsemmi regolament jipprevedi li:

“Għandu jkun hemm appoġġ taħt l-iskema ta’ pagament uniku għall-bdiewa jekk:

(a) ikollhom drittijiet għal pagament li jkunu kisbu skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003;

(b) jiksbu drittijiet għal pagament skont dan ir-Regolament [...]”

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 9 Fil-kwalita tiegħu bħala persuna li trabbi l-għoġġiela, J. T. Arts ikkonkluda fl-2008 kuntratt ta’ integrazzjoni ma’ Alpuro (iktar ’il quddiem il-“kuntratt ta’ integrazzjoni”) li permezz tiegħu huwa jimpenja ruħu jixtri minn Alpuro għoġġiela tat-twelid kif ukoll għalf intiż għat-tismin tagħhom. Fi tmiem kull wieħed minn sitt ċikli ta’ tismin previsti fil-kuntratt ta’ integrazzjoni, Alpuro kienet tixtri mill-ġdid l-għoġġiela msemmna minn J. T. Arts. Dawn iċ-ċikli ta’ tismin, ta’ tul ta’ madwar 26 ġimgħa kull wieħed, ġew imqassma fi tliet gruppi, fejn l-ewwel wieħed beda fil-5 ta’ Marzu 2009.
- 10 Konformement mal-Artikolu 6 u 13 tal-kuntratt ta’ integrazzjoni, J. T. Arts kien jirċievi benefiċċju ta’ tismin ta’ EUR 200 fis-sena għal kull għoġol.
- 11 Skont l-Artikolu 9 ta’ dan il-kuntratt, id-dħul kollu u r-remunerazzjonijiet kollha li J. T. Arts kellu dritt għalihom taħt l-iskema ta’ pagament uniku fir-rigward tat-trobbija u tat-tismin tal-għoġġiela abbażi ta’ dan il-kuntratt kienu dovuti kompletament lil Alpuro, fejn barra minn hekk J. T. Arts kien obligat jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba sabiex ikun jista’ jibbenefika mill-imsemmi dħul u mill-imsemmija remunerazzjonijiet.
- 12 Skont l-Artikolu 10 tal-kuntratt ta’ integrazzjoni, il-prezz tal-bejgħ tal-għoġġiela msemmna lil Alpuro kien jiġi kkalkolat billi mal-prezz tax-xiri tal-għoġġiela tat-twelid tiżdied l-ispiża tal-għalf użat għat-tismin tagħhom flimkien ma’ spejjeż oħra sostnuti għat-trobbija tagħhom, u billi jitnaqqsu r-remunerazzjonijiet taħt l-iskema ta’ pagament uniku. Barra minn hekk, ġiet applikata korrezzjoni sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi li l-għoġġiela kellhom meta mqabbla man-norma teknika prevista fl-Artikolu 7 ta’ dan il-kuntratt.
- 13 Matul l-2012, tqajmet tilwima bejn il-partijiet dwar l-ammont tal-pagament uniku mħallas lil J. T. Arts għall-2010 sal-2012.
- 14 J. T. Arts ressaq kawża quddiem ir-Rechtbank Gelderland (qorti ta’ Gelderland, il-Pajjiżi l-Baxxi) li quddiemha sostna, b’mod partikolari, li l-Artikolu 9 tal-kuntratt ta’ integrazzjoni jmur kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 1782/2003 sa fejn dan jobbligah iċedi l-appoġġ għad-dħul intiż sabiex huwa jiġi żgurat livell ta’ għajxien ġust lil Alpuro, li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet sabiex tibbenefika mill-iskema ta’ pagament uniku u lanqas ma hija suġġetta għar-rekwiżiti fil-qasam tal-ekokundizzjonalità previsti minn dan ir-regolament.
- 15 Min-naħa tagħha, Alpuro ssostni quddiem din l-istess qorti li l-pagament uniku li għalih J. T. Arts għandu dritt jikkostitwixxi element fil-kalkolu tal-prezz tal-bejgħ tal-għoġġiela msemmna u li hija ma titlob l-ebda appoġġ taħt l-iskema ta’ pagament uniku.

- 16 Wara li r-rikors tiegħu ġie miċħud permezz ta' sentenza tar-Rechtbank Gelderland (qorti ta' Gelderland), J.T. Arts appella minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju li qieset li r-riżoluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.
- 17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Gerechthof Arnhem-Leeuwarden (qorti tal-appell ta' Arnhem-Leeuwarden, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- “1) Fid-dawl tal-għanijiet tar-Regolament [Nru 73/2009], jiġifieri li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għall-bdiewa permezz ta' appoġġ dirett għad-dħul u li jiġu promossi s-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, l-ambjent u l-benesseri tal-annimali, hija valida serje ta' klawżoli f'kuntratt konkluż bejn semmien tal-għoġġiela u impriża ta' integrazzjoni [...] li minnha jirriżulta li l-pagament uniku mogħti lis-semmien tal-għoġġiela abbażi tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq huwa dovut lill-impriża ta' integrazzjoni permezz tat-tnaqqis tiegħu mill-prezz tal-għoġġiela msemmna?
- 2) Fil-każ li l-ewwel domanda tingħata risposta negattiva, il-qorti nazzjonali, fid-dawl tal-kunflitt eżistenti mal-għanijiet tar-Regolament Nru 73/2009, għandha s-setgħa tbiddel il-kuntratt abbażi tal-prinċipju *rebus sic stantibus* b'mod li d-dannu kkawżat min-nullità lill-impriża ta' integrazzjoni jiġi nnewtralizzat kompletament jew parzjalment, b'mod partikolari billi jitnaqqas il-prezz tal-għoġġiela msemmna?”

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 18 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament Nru 73/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-ammont tal-appoġġ li għalih il-persuna li trabbi l-għoġġiela għandha dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku huwa dovut lil impriża ta' integrazzjoni li magħha kkonkluda l-kuntratt.
- 19 L-ewwel nett, hemm lok li jtifakkur li, għalkemm kuntratt huwa kkaratterizzat mill-prinċipju tal-awtonomija tal-volontà, li b'mod partikolari jgħid li l-partijiet huma ħielsa li jikkommettu ruħhom lejn xulxin, limitazzjonijiet għal din il-libertà kuntrattwali jistgħu madankollu jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli (sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Harms, C-434/08, EU:C:2010:285, punt 36).
- 20 B'mod partikolari, il-libertà kuntrattwali li għandha l-persuna intitolata għal drittijiet għal pagament ma tippermettilhiex li tidħol f'impenji li jmorru kontra l-għanijiet tar-Regolament Nru 73/2009 (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Harms, C-434/08, EU:C:2010:285, punt 37).
- 21 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 1(b) ta' dan ir-regolament, l-iskema ta' pagament uniku jikkostitwixxi appoġġ għad-dħul għall-bdiewa. Skont il-premessa 25 tal-istess regolament, l-għan li jikkonsisti f'li jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust lill-komunità agrikola huwa strettament marbut mal-konservazzjoni taż-żoni rurali, billi kull bidwi li jirċievi pagamenti diretti huwa obligat, skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 73/2009, moqri flimkien mal-Artikolu 5(1) u mal-Artikolu 6(1) tiegħu, josserva ċerti regoli li jirrigwardaw l-ambjent, is-sigurtà tal-ikel, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali u ż-żamma tal-art f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba.

- 22 Madankollu, la r-Regolament Nru 73/2009 u lanqas ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009, tad-29 ta' Ottubru 2009, li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2009, L 316, p. 1), ma jimponu fuq il-benefiċjarju tal-iskema ta' pagament uniku l-obbligu li jalloka l-appoġġ rċevut taħt din l-iskema għal użu preċiż. Fil-fatt, peress li l-pagament uniku huwa intiż bħala appoġġ għad-dħul, l-użu tiegħu ma huwiex, min-natura tiegħu, limitat.
- 23 Fil-kawża prinċipali, huwa minnu li l-appoġġ għal-2010 sal-2012 tħallas lil J. T. Arts. Madankollu, il-partijiet fil-kuntratt ta' integrazzjoni ftiehmu, essenzjalment, li l-appoġġ li għalih J. T. Arts kellu dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku kien dovut kompletament lil Alpuro. Fil-prattika, dan l-appoġġ kien tnaqqas mill-prezz li Alpuro kellha tħallas għax-xiri tal-għoġġiela msemmna, konformement mal-Artikoli 9 u 10 ta' dan il-kuntratt.
- 24 Tali klawżola kuntrattwali tqajjem il-kwistjoni dwar jekk l-intenzjoni tal-imsemmija partijiet kinitx li Alpuro ssir il-benefiċjarja reali tal-imsemmi appoġġ, bi ksur tal-għanijiet tar-Regolament Nru 73/2009.
- 25 F'dan ir-rigward, għandu jifakkar li jkun manifestament kuntrarju għall-imsemmija għanijiet li persuni jew entitajiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet previsti minn dan ir-regolament ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ taħt l-iskema ta' pagament uniku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2010, Harms, C-434/08, EU:C:2010:285, punti 39 u 45).
- 26 Madankollu, impriża ta' integrazzjoni ma tistax titqies li hija l-benefiċjarja reali ta' dan l-appoġġ meta l-persuna li trabbi, li timpenja ruħha li tittrasferixxi lil tali impriża, jikseb korrispettiv għalih. F'dan il-każ, fil-fatt, il-persuna li trabbi tibbenefika effettivament mill-imsemmi appoġġ u tallokah għall-użu li hija tagħżel liberament, kif jirriżulta mill-punt 22 ta' din is-sentenza.
- 27 Issa, f'dan il-każ, ma huwiex ikkontestat quddiem il-qorti tar-rinviju li t-trasferiment tal-appoġġ li għalih J. T. Arts kellu dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku seħħ fil-kuntest ta' numru ta' vantaġġi u obbligi reċiproċi nnegożjati bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' integrazzjoni.
- 28 Għaldaqstant, ma jistax jitqies li ġew ippreġudikati l-għanijiet tar-Regolament Nru 73/2009, kif infakkra fil-punt 21 ta' din is-sentenza.
- 29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li r-Regolament Nru 73/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-ammont tal-appoġġ li għalih il-persuna li trabbi l-għoġġiela għandha dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku huwa dovut lil impriża ta' integrazzjoni meta t-trasferiment ta' dan l-appoġġ taqa' fil-kuntest ta' vantaġġi u obbligi reċiproċi nnegożjati bejn il-partijiet fil-kuntratt.

Fuq it-tieni domanda

- 30 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni domanda.

Fuq l-ispejjeż

- 31 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix klawżola kuntrattwali li bis-saħħa tagħha l-ammont tal-appoġġ li għalih il-persuna li trabbi l-għoġġiela għandha dritt taħt l-iskema ta' pagament uniku huwa dovut lil impriża ta' integrazzjoni meta t-trasferiment ta' dan l-appoġġ taqa' fil-kuntest ta' vantaġġi u obbligi reċiproċi nnegozjati bejn il-partijiet fil-kuntratt.

Firem